MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 1360/2002/1

**Raymond Gatt fil-kapacita tieghu ta' stralcarju tas-socjeta Continental Postform Ltd**

**vs**

**Godwin Friggieri ezercenti l-kummerc ghan-nom tad-ditta J.G. Mobili**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Mejju, 2002, fejn intalab li l-konvenut nomine jigi kkundannat ihallas lill-attur nomine s-somma ta' elf mitejn u tmienja u erbghin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm1248.78) rappresentanti prezz ta' materjal mibjugh mis-socjeta Continental Postform Ltd., lill-istess konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali datata 25 ta' Jannar 2001 u debitament notifikata fil-31 ta' Jannar 2001 u bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data tan-notifika imsemmija kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut nomine fejn huwa eccepixxa illi:
1. L-azzjoni attrici hija ghal kollox preskritta stante illi t-terminu li fiha kellu jaghmel din il-kawza skada.
2. Illi l-konvenut mhuwiex il-legittimu kontradittur stante illi huwa ma jezercitax in-negozju f'ismu personali, imma ghan-nom ta' socjeta kummercjali.

Sema' x-xhieda ta' Charles Busuttil u l-konvenut Godwin Friggieri.

Ra l-verbal tas-seduta tas-6 ta' Ottubru 2003, fejn il-konvenut nominee iddikjara illi huwa qieghed jeccepixxi l-preskrizzjoni ta'l-azzjoni attrici abbazi ta' dak dispost fl-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ikkunsidra,

**L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta'l-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili.**

Illi l-konvenut nomine qieghed jissolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta'l-azzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar u dana fid-dawl ta' dak dispost fl-artikolu hawn fuq indikat u cioe' ghall-azzjonijiet spettanti fost ohrajn lill- mastrudaxxa ghax-xoghol taghhom jew ghal materjal li ifornu.

Illi t-Tribunal ma jarax illi dan id-disposizzjoni tal-ligi japplika ghal kaz in dizamina. Mill-provi prodotti jirrizulta illi s-socjeta Continental Postform Limited hija socjeta kummercjali li l-iskop tan-negozju taghha huwa li ifornu *panels* tal-*postform* sabiex minnhom sussegwentment issir l-ghamara. Ma jidhirx illi din is-socjeta illi l-attur qieghed jirrappresenta bhala stralcarju tista' taqa' taht id-definizzjoni ta' mastrudaxxa, kif tipprovdi l-ligi. Anzi mix-xhieda ta' Charles Busuttil, impjegat ma'l-imsemmija socjeta, jidher illi fil-fatt hija s-socjeta attrici li tipprovdi

materjal lil mastrudaxxa sabiex l-istess juzawhom ghax-xoghol taghhom u mhux vice-versa.

Illi kwindi din l-eccezzjoni qed tigi mchuda stante illi ma issibx applikazzjoni ghan-natura ta'l-azzjoni odjerna.

**<u>It-tieni eccezzjoni – il-konvenut ma huwiex il-legittimu kontradittur</u>**

Illi l-konvenut Godwin Friggieri jixhed u ighid illi huwa jipproduci l-ghamara taht l-isem tas-socjeta Alfur Limited li taghha huwa id-direttur. Kien huh Joseph Friggieri, li kien jezercita n-negozju tieghu ukoll ta'l-ghamara taht l-isem tad-ditta JG Mobili, u meta huwa ha n-negozju minn ghand huh kien ifforma socjeta kummercjali u beda jinnegozja f'isem l-istess socjeta. Huwa ighid illi huwa ha f'idejh in-negozju ta' huh fl-1997, izda s-socjeta kienet giet iffurmata qabel din id-data. Meta ghamel dan, is-socjeta hadet f'idejha n-negozju ta' J.G. Mobili b'kollox li kien hemm fih.

Illi fil-fatt id-dokument CB1 a fol.30 tal-process, esebiet minn Charles Busuttill jindika l-isem J.G.Mobili u fil-parentesi il-kelma ALFUR. Mill-imsemmi dokument ghalhekk jidher illi s-socjeta Continental Postform Limited kienet a konoxxenza ta' dak illi kien gara u cioe' illi n-negozju ta' J.G.Mobili kien ghadda f'idejn din is-socjeta bl-isem ta' ALFUR. Illi Charles Busuttil, li huwa l-uniku xhud prodott mill-attur nomine, ma kienx kapaci ighid jekk l-konvenut Friggieri kellux xi kumpanija f'ismu u lanqas kien kapaci jindika x'kienet tfisser il-kelma "Alfur" f'dan id-dokument.

Illi inoltre mid-Dokument CSZ1, jirrizulta illi din is-socjeta kienet giet imwaqqfa fit-2 ta' Novembru 1992. Illi minn dan id-dokument inoltre jidher car illi l-ghanijiet li ghaliha giet iffurmata din is-socjeta kienet appuntu sabiex tinnegozja f'xoghol ta' mastrudaxxa u xogholijiet ta' *aluminium*. Inoltre jidher illi wiehed mill-azzjonisti ta' din is-socjeta huwa proprju l-konvenut Godwin Friggieri.

Illi ghalhekk maghmula dawn il-kostatazzjonijiet jirrizulta illi qatt ma sar negozju mal-konvenut kif citat u cioe’ ma Godwin Friggieri ezercenti l-kummerc ghan-nom tad-ditta JG Mobili stante illi huwa qatt ma kellu negozju f’dan l-isem f’idejh, izda huwa dejjem ezercita in-negozju tieghu taht l-isem tas-socjeta ALFUR Limited u dana kif anke jindika id-Dokument CB1 a fol.30 tal-process esebiet mill-attur nomine stess.

Illi huwa massimu legali illi socjeta kummercjali mill-mument li tigi iffurmata tassumi hajja guridika indipendenti mill-membri jew azzjonisti li jiffurmawha. Illi ghalhekk peress illi jidher illi n-negozju li ghalih qed jintalab il-hlas permezz tal-presenti istanza, sar bejn is-socjeta Continental Postform Limited u is-socjeta Alfur Limited, l-konvenut kif citat bil-prezenti azzjoni ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta Continental Postform Limited u kwindi lanqas ma’l-attur nomine.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut nomine, ighaddi sabiex jilqa’ it-tieni eccezzjoni u jiddikjara illi ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn l-attur nomine u l-konvenut kif citat u kwindi ighaddi sabiex jillibera lill-istess konvenut nomine mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu issopportati mill-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------